

31995D0089

30.3.1995

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 70/25

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-17 ta' Marzu 1995

li temenda d-Deċiżjoni 94/621/KE fuq miżuri protettivi fir-rigward ta' ċerti animali ħajjin u prodotti tal-animali li joriġinaw fi jew jiġu mill-Albanija

(Test b'relevanza għaż- ŻEE)

(95/89/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tippreskrivi prinċipji li jiggvernaw l-organizzazzjonijiet ta' verifiki veterinarji fuq l-animali li jidħlu fil-Komunità minn terzi pajjiżi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendati bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u partikolarment Artikolu 18 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/675/KEE ta' l-10 ta' Diċembru 1990 li tippreskrivi l-prinċipji li jiggvernaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ⁽²⁾, kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni tal-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u partikolarment Artikolu 19 tiegħu,

Billi każijiet ta' kolera ġew reġistrati fl-Albania;

Billi l-preżenza tal-kolera fl-Albanija x'aktarx tippreżenta perikolu serju lis-saħħa pubblika;

Billi l-Kummissjoni, permezz tad-DEĊIŻJONI Nru 94/621/KE ⁽³⁾, kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 94/702/KE ⁽⁴⁾, adottat il-miżuri meħtieġa;

Billi grupp ta' żjara ta' esperti tal-Kummissjoni għamlu spezzjoni fl-Albanija biex jivvaluta l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet Albaniżi; billi wara r-rapport tal-grupp ta' esperti hemm bżonn li jinżammu l-miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tal-molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi marini f'kull forma li tkun, u fir-rigward ta' ħut ħaj u frott tal-baħar li jkun fl-ilma;

Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Deċiżjoni Nru 94/621/KE hija emendata hawnhekk kif ġej:

1. Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-importazzjoni tal-molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi marini f'kull forma li tkun, u fir-rigward ta' ħut ħaj u frott tal-baħar li jkun fl-ilma li joriġinaw fi jew jiġu mill-Albanija.”

2. Artikolu 3 huwa mħassar.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jibdli l-miżuri li japplikaw għall-importazzjonijiet biex iġibuhom f'konformità ma' din id-Deċiżjoni. Għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'dan.

⁽¹⁾ ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 56.

⁽²⁾ ĠU L 373, tal-31.12.1990, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 246, tal-21.9.1994, p. 25.

⁽⁴⁾ ĠU L 284, ta' l-1.11.1994, p. 64.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula f'Brussel, fis-17 ta' Marzu 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni
